MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-23 ta' Frar, 2004

Avviz Numru. 466/2002

**T-Studio Limited (gia Technology Institute (Malta) Limited)**

**Vs**

**Dr Chris Cilia li b'digriet tal-Qorti tat-12 ta' Awissu 2002**
**gie mahtur kuratur deputat sabiex jirrapprezenta lill-Ocaen Service Shipping and Yachting Limited peress illi**
**d-diretturi ta' l-istess socjeta huma msiefrin**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta attrici talbet sabiex il-konvenut nomine jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-istess socjeta' attrici s-somma ta' Lm1700.85 (elf u sebgha mija liri Maltin u hamsa u tmenin centezmi) dovuti bhala prezz ta' konsulenza u servizzi professjonali ohra rezi mis-socjeta attrici a favur is-

socjeta' konvenuta skond kif mitluba permezz ta' fatturi datati is-16 u z-17 ta' Mejju 2002, annessi mal-avviz u mmarkati bhala Dok TS1 u TS2.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru pprezentat mal-avviz u bl-imghaxijiet mid-data tal-fatturi imsemmijin.

Rat kif ukoll iz-zewg fatturi anessi mal-istess avviz a fol 2 u fol 3 tal-atti.

Rat id-digriet moghti minn din il-Qorti fit-12 ta' Awissu 2002 (Fol 6 tal-atti).

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut nomine u li bih eccepixxa bir-rispett illi (a fol 14 ibid):-

1. Preliminarjament, is-socjeta attrici ghandha taghti prova illi hija successur fid-drittijiet tas-socjeta' Technology Institute (Malta) Limited.

2. Fil-meritu, l-eccipjent jirrizerva d-dritt illi jressaq 'il quddiem eccezzjonijiet ulterjuri wara illi jkun ghamel id-debiti verifiki u jkun ikkomunika mad-diretturi tas-socjeta' estera 'Ocean Service Shipping and Yachting Limited'.

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat kif ukoll il-kopja ta' ittra annessa mal-istess nota a fol 16 ibid.

Rat ukoll iz-zewg kopji ta' ittri annessi a fol 20 u fol 21 tal-atti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, dwar <u>l-eccezzjoni preliminari</u> kif hawn fuq proposta, trid issir referenza ghad-dokument 'in fotocopia' anness mal-atti a fol 31, minn fejn jirrisulta li s-socjeta attrici bidlet isimha minn Technology Institute (Malta) Limited ghal T-

Studio Limited. Ghalhekk l-istess Qorti tinsab sodisfatta illi s-socjeta attrici '…. Hija successur fid-drittijiet tas-socjeta Technology Institute (Malta) Limited' u dan in konnessjoni mal-istess eccezzjoni in esami.

Ikkunsidrat

Illi in rigward il-mertu tal-kawza, permezz ta 'affidavit' sottomess, taht gurament, minn Ilya Tourkevtich, direttur tal-istess socjeta attrici, din specifikat x'kienu s-'servizzi professjonali' u ' konsulenza' resi minnha a favur tal-konvenut nomine (ara fol 27 u fol 28 tal-istess atti kif ukoll id-dokument esebit, in atti, a fol 34 sa fol 40). Fin-nuqqas ta' xi forma ta' prova kontrarja, din il-Qorti hi sodisfatta li l-istess 'konsulenza' u 'servizzi professjonali' saru a favur tal-konvenut nomine u bil-prezz u valur specifikat fl-istess 'affidavit' u fil-fatturi gie msemmija u annessi mal-atti a fol 2 u fol 3.

Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu akkolti.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tilqa t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenut nomine sabiex jhallas lis-socjeta attrici s-somma ta' Lm1700.85 bl-imghax legali, fuq is-somma ta' Lm468.05 mis-16 ta' Mejju 2002 sas-16 ta' Mejju 2002 u fuq is-somma kollha ta' Lm1700.85,0 mill-17 ta' Mejju 2002 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inklusi dawk tal-mandat kawtelatorju ta' sekwestru, fl-istess ismijiet, tat-18 ta' Lulju 2002.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------